

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/983****tad-9 ta' Ġunju 2017****li jemenda l-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għat-triċiklażol f'ċerti prodotti jew fuqhom****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi (l-MRLs) għat-triċiklażol ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-MRLs kollha, ħlief għal dak tar-ross, huma stabbiliti fil-limitu ta' determinazzjoni (LOD).
- (2) In-nuqqas ta' inklużjoni tat-triċiklażol fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/770/KE <sup>(2)</sup>. Wara applikazzjoni ġdida skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, din is-sustanza attiva ma ġietx approvata permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1826 <sup>(4)</sup>. L-awtorizzazzjonijiet kollha eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva triċiklażol ġew revokati. Għalhekk huwa xieraq li jitħassar l-MRL għar-ross stabbilit għal din is-sustanza fl-Anness III skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu.
- (3) Fid-dawl tan-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva triċiklażol, l-MRLs għal din is-sustanza għandhom ikunu stabbiliti fil-LOD skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fil-każ ta' dawk is-sustanzi attivi li l-MRLs kollha tagħhom għandhom jtnaqqsu għal-LOD rilevanti, il-valuri prestabbiliti għandhom jiġu elenkati fl-Anness V skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (4) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħtieġa li ċerti LODs jiġu adattati. Dawn il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti komoditajiet, l-iżvilupp tekniku jippermetti li jiġu stabbiliti LODs iktar baxxi.
- (5) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u tqiesu l-kummenti tagħhom.
- (6) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (7) Minħabba ż-żmien twil ta' ħajja tar-ross fuq l-ixkaffa, dan ir-Regolament għandu jipprevedi arranġament tranżitorju għar-ross imkabbar fl-2016 jew qabel, sabiex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tar-ross. Madankollu b'kunsiderazzjoni tal-inċertezzi rigward ċerti karatteristiċi tat-triċiklażol, l-iskedi taż-żmien previsti f'dan ir-Regolament ma jippermettux xi trattament bit-triċiklażol fl-2017 jew wara.
- (8) Bl-għan li jkun applikat l-istess approċċ għar-ross Basmati, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li r-ross Basmati jgħaddi minn proċedura speċifika ta' maturazzjoni qabel ma jkun jista' jitqiegħed fis-suq, għal dan it-tip ta' ross imkabbar fl-2016 jew qabel, għandu jitħalla jgħaddi perjodu addizzjonali ta' sitt (6) xhur qabel ma l-MRL modifikat isir applikabbli għalih, sabiex ikun jista' jkun hemm kummerċjalizzazzjoni, ipproċessar u konsum normali tar-ross Basmati.

<sup>(1)</sup> ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/770/KE tat-30 ta' Settembru 2008 dwar l-esklużjoni tat-tricyclazole mill-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 263, 2.10.2008, p. 16).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1826 tal-14 ta' Ottubru 2016 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva triċiklażol, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 279, 15.10.2016, p. 88).

- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 qed jiġu emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għar-ross kollu, minbarra r-ross Basmati, li jkun ġie importat jew li jkun tqiegħed fis-suq qabel it-30 ta' Ġunju 2017.

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għar-ross Basmati li jkun ġie importat qabel it-30 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika għall-prodotti kollha, ħlief għar-ross Basmati, mit-30 ta' Ġunju 2017.

Huwa għandu japplika għar-ross Basmati mit-30 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX

L-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 qed jiġu emendati kif ġej:

(1) Fil-Parti A tal-Anness III qed titħassar il-kolonna għat-triċiklazol.

(2) Fl-Anness V qed tiżdied il-kolonna għat-triċiklazol:

**“Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi ta’ residwi (f’mg/kg)**

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta’ prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (*) | Triċiklazol     |
|------------------|--|-----------------|
| (1)              | (2)  | (3)             |
| 0100000          | <b>FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR</b>                           | <b>0,01 (*)</b> |
| 0110000          | <b>Frott taċ-ċitru</b>   |                 |
| 0110010          | Grejpfrut  |                 |
| 0110020          | Larinġ   |                 |
| 0110030          | Lumi   |                 |
| 0110040          | Xkomp  |                 |
| 0110050          | Mandolin   |                 |
| 0110990          | Oħrajn   |                 |
| 0120000          | <b>Ġewż tas-siġar</b>  |                 |
| 0120010          | Lewż   |                 |
| 0120020          | Ġewż tal-Brażil  |                 |
| 0120030          | Ġewż tal-anakardju   |                 |
| 0120040          | Qastan   |                 |
| 0120050          | Ġewż tal-Indi  |                 |
| 0120060          | Ġellewż/ġellewż Ewropew  |                 |
| 0120070          | Makadamia  |                 |
| 0120080          | Ġewż Amerikan  |                 |
| 0120090          | Qlub tal-ġewż tal-arżnu  |                 |
| 0120100          | Pistaċċi   |                 |
| 0120110          | Ġewż   |                 |
| 0120990          | Oħrajn   |                 |
| 0130000          | <b>Pomu</b>  |                 |
| 0130010          | Tuffieħ  |                 |
| 0130020          | Lanġas   |                 |
| 0130030          | Sfarġel  |                 |
| 0130040          | Naspli   |                 |
| 0130050          | Naspli tal-Ġappun  |                 |
| 0130990          | Oħrajn   |                 |
| 0140000          | <b>Frott tal-ġhadma</b>  |                 |
| 0140010          | Berquq   |                 |
| 0140020          | Ċiras (ħelu)   |                 |
| 0140030          | Ħawħ   |                 |
| 0140040          | Għanbaqar  |                 |
| 0140990          | Oħrajn   |                 |
| 0150000          | <b>Kukku u frott żgħir ieħor</b>   |                 |
| 0151000          | (a) <i>għeneb</i>  |                 |
| 0151010          | Għeneb tal-mejda   |                 |
| 0151020          | Għeneb tal-inbid   |                 |

| (1)     | (2)  | (3) |
|---------|--|-----|
| 0152000 | (b) <i>frawli</i>                          |     |
| 0153000 | (c) <i>frott tal-kannamiela</i>            |     |
| 0153010 | Tut  |     |
| 0153020 | Ċawsli iswed (Dewberries)                  |     |
| 0153030 | Lampun (aħmar u isfar)                     |     |
| 0153990 | Oħrajn                                     |     |
| 0154000 | (d) <i>frott żgħir u kukku oħrajn</i>      |     |
| 0154010 | Mirtill                                    |     |
| 0154020 | Cranberries                                |     |
| 0154030 | Passolina (sewda, ħamra u bajda)           |     |
| 0154040 | Ribes (ħodor, ħomor u sofor)               |     |
| 0154050 | Warda skoċċiża                             |     |
| 0154060 | Ċawsli (suwed u bojod)                     |     |
| 0154070 | Għanżalor/naspli tal-Mediterran            |     |
| 0154080 | Frott tas-sebuqa                           |     |
| 0154990 | Oħrajn                                     |     |
| 0160000 | <b>Frott — diversi bi</b>                  |     |
| 0161000 | (a) <i>qoxra li tittiekel</i>              |     |
| 0161010 | Tamal                                      |     |
| 0161020 | Tin  |     |
| 0161030 | Żebbuġ tal-mejda                           |     |
| 0161040 | Larinġ tal-qsari                           |     |
| 0161050 | Karambola                                  |     |
| 0161060 | Kaki                                       |     |
| 0161070 | Jambolan                                   |     |
| 0161990 | Oħrajn                                     |     |
| 0162000 | (b) <i>il-qoxra li ma tittikilx, żgħar</i> |     |
| 0162010 | Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar u isfar)      |     |
| 0162020 | Liċċi                                      |     |
| 0162030 | Frotta tal-passjoni                        |     |
| 0162040 | Bajtar tax-xewk/frott tal-kaktus           |     |
| 0162050 | Tuffieħ stilla                             |     |
| 0162060 | Kaki Amerikan/Kaki ta' Virginja            |     |
| 0162990 | Oħrajn                                     |     |
| 0163000 | (c) <i>qoxra li ma tittikilx, kbar</i>     |     |
| 0163010 | Avokado                                    |     |
| 0163020 | Banana                                     |     |
| 0163030 | Mango                                      |     |
| 0163040 | Papaja                                     |     |
| 0163050 | Rummien                                    |     |
| 0163060 | Ċerimoja                                   |     |
| 0163070 | Gwava                                      |     |
| 0163080 | Ananas                                     |     |
| 0163090 | Frott tas-siġra tal-ħobż                   |     |
| 0163100 | Durian                                     |     |
| 0163110 | Frott tal-annona                           |     |
| 0163990 | Oħrajn                                     |     |

| (1)     | (2)  | (3)             |
|---------|--|-----------------|
| 0200000 | <b>ĦXEJJEX, FRISKI jew IFFRIŻATI</b>                               |                 |
| 0210000 | <b>Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberu</b>                             | <b>0,01 (*)</b> |
| 0211000 | (a) <i>patata</i>  |                 |
| 0212000 | (b) <i>ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi</i>               |                 |
| 0212010 | Għeruq tal-kassava   |                 |
| 0212020 | Patata ħelwa   |                 |
| 0212030 | Jammijiet  |                 |
| 0212040 | Ararut   |                 |
| 0212990 | Oħrajn   |                 |
| 0213000 | (c) <i>ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi</i> |                 |
| 0213010 | Pitravi  |                 |
| 0213020 | Zunnarija  |                 |
| 0213030 | Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi                         |                 |
| 0213040 | Għerq tal-mustarda   |                 |
| 0213050 | Artiċokks  |                 |
| 0213060 | Zunnarija bajda  |                 |
| 0213070 | Tursin tuberuż   |                 |
| 0213080 | Ravanell   |                 |
| 0213090 | Sassefrika   |                 |
| 0213100 | Swedes   |                 |
| 0213110 | Lift/nevew   |                 |
| 0213990 | Oħrajn   |                 |
| 0220000 | <b>Ħxejjex tal-basla</b>   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0220010 | Tewm   |                 |
| 0220020 | Basal  |                 |
| 0220030 | Xalotti  |                 |
| 0220040 | Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales                  |                 |
| 0220990 | Oħrajn   |                 |
| 0230000 | <b>Ħxejjex tal-frott</b>   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0231000 | (a) <i>solanacea</i>   |                 |
| 0231010 | Tadam  |                 |
| 0231020 | Bżar   |                 |
| 0231030 | Brunġiel   |                 |
| 0231040 | Okra   |                 |
| 0231990 | Oħrajn   |                 |
| 0232000 | (b) <i>kukurbiti tal-qoxra kommestibbli</i>                        |                 |
| 0232010 | Ħjar   |                 |
| 0232020 | Gherkins (ħjar żgħir)  |                 |
| 0232030 | Zukkini  |                 |
| 0232990 | Oħrajn   |                 |
| 0233000 | (c) <i>cucurbits tal-qoxra li ma tittikilx</i>                     |                 |
| 0233010 | Bettieħ  |                 |
| 0233020 | Qara' aħmar  |                 |
| 0233030 | Dulliegħ   |                 |
| 0233990 | Oħrajn   |                 |
| 0234000 | (d) <i>qamħirrum</i>   |                 |
| 0239000 | (c) <i>ħxejjex tal-frott oħrajn</i>                                |                 |

| (1)     | (2)   | (3)             |
|---------|---|-----------------|
| 0240000 | <b>Ħxejjex tal-ġenus Brassica (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)</b> | <b>0,01 (*)</b> |
| 0241000 | (a) <i>Brassica</i> li tagħmel il-fjuri   |                 |
| 0241010 | Brokkli   |                 |
| 0241020 | Pastard   |                 |
| 0241990 | Oħrajn  |                 |
| 0242000 | (b) <i>brassica</i> bir-ras   |                 |
| 0242010 | Brussels sprouts  |                 |
| 0242020 | Kaboċċa bir-ras   |                 |
| 0242990 | Oħrajn  |                 |
| 0243000 | (c) <i>brassica</i> bil-weraq   |                 |
| 0243010 | Kaboċċa Ċiniża  |                 |
| 0243020 | Kale  |                 |
| 0243990 | Oħrajn  |                 |
| 0244000 | (d) <i>ġdur</i>   |                 |
| 0250000 | <b>Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>  |                 |
| 0251000 | (a) <i>ħass</i> u <i>ħxejjex tal-insalata</i>   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0251010 | Ħass tal-ħaruf/Insalata tal-qamħ  |                 |
| 0251020 | Ħass  |                 |
| 0251030 | Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'  |                 |
| 0251040 | Krexxun u nebbieta u rimi oħrajn  |                 |
| 0251050 | Krexxuni tal-art  |                 |
| 0251060 | Aruka   |                 |
| 0251070 | Mustarda ħamra  |                 |
| 0251080 | Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet tal- <i>Brassica</i> )   |                 |
| 0251990 | Oħrajn  |                 |
| 0252000 | (b) <i>spinaċi</i> u <i>weraq simili</i>  | <b>0,01 (*)</b> |
| 0252010 | Spinaċi   |                 |
| 0252020 | Burdlieq  |                 |
| 0252030 | Weraq tal-pitravi   |                 |
| 0252990 | Oħrajn  |                 |
| 0253000 | (c) <i>weraq tad-dwieli</i> u <i>ta' speċijiet simili</i>   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0254000 | (d) <i>krexxuni</i>   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0255000 | (e) <i>witloof/indivja tal-Belġju</i>   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0256000 | (f) <i>ħxejjex aromatiċi</i> u <i>fjuri li jittieklu</i>  | <b>0,02 (*)</b> |
| 0256010 | Maxxita   |                 |
| 0256020 | Kurrat selvaġġ  |                 |
| 0256030 | Weraq tal-karfus  |                 |
| 0256040 | Tursin  |                 |
| 0256050 | Salvja  |                 |
| 0256060 | Klin  |                 |
| 0256070 | Sagħtar   |                 |
| 0256080 | Ħabaq u l-fjuri li jittieklu  |                 |
| 0256090 | Weraq tar-rand  |                 |
| 0256100 | Stragun   |                 |
| 0256990 | Oħrajn  |                 |
| 0260000 | <b>Legumi</b>   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0260010 | Fażola (bil-miżwed)   |                 |
| 0260020 | Fażola (bla miżwed)   |                 |

| (1)     | (2)                                       | (3)             |
|---------|---|-----------------|
| 0260030 | Piżelli (bil-miżwed)                      |                 |
| 0260040 | Piżelli (bla miżwed)                      |                 |
| 0260050 | Għads                                     |                 |
| 0260990 | Oħrajn                                    |                 |
| 0270000 | <b>Ħxejjex biz-zokk</b>                   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0270010 | Asparagu                                  |                 |
| 0270020 | Kardun                                    |                 |
| 0270030 | Krafes                                    |                 |
| 0270040 | Bużbież ta' Firenze                       |                 |
| 0270050 | Qaqoċċ                                    |                 |
| 0270060 | Kurrat                                    |                 |
| 0270070 | Rabarbru                                  |                 |
| 0270080 | Rimi tal-pjanta tal-bambu                 |                 |
| 0270090 | Qlub tal-palma                            |                 |
| 0270990 | Oħrajn                                    |                 |
| 0280000 | <b>Faqqiegħ, ħażiż u likeni</b>           | <b>0,01 (*)</b> |
| 0280010 | Faqqiegħ ikkultivat                       |                 |
| 0280020 | Faqqiegħ selvaġġ                          |                 |
| 0280990 | Ħażiż u likeni                            |                 |
| 0290000 | <b>Alka u organiżmi prokarjoti</b>        | <b>0,01 (*)</b> |
| 0300000 | <b>ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI</b>      | <b>0,01 (*)</b> |
| 0300010 | Fażola                                    |                 |
| 0300020 | Għads                                     |                 |
| 0300030 | Piżelli                                   |                 |
| 0300040 | Lupini                                    |                 |
| 0300990 | Oħrajn                                    |                 |
| 0400000 | <b>ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT</b> | <b>0,01 (*)</b> |
| 0401000 | <b>Żrieragħ taż-żejt</b>                  |                 |
| 0401010 | Żerriegħa tal-kittien                     |                 |
| 0401020 | Karawett                                  |                 |
| 0401030 | Żerriegħa tal-peprin                      |                 |
| 0401040 | Ġulġlien                                  |                 |
| 0401050 | Żerriegħa tal-ġirasol                     |                 |
| 0401060 | Żerriegħa tal-lift                        |                 |
| 0401070 | Fażola tas-sojja                          |                 |
| 0401080 | Żerriegħa tal-mustarda                    |                 |
| 0401090 | Żerriegħa tal-qoton                       |                 |
| 0401100 | Żerriegħa tal-qara' ħamra                 |                 |
| 0401110 | Żerriegħa tal-ġhosfor                     |                 |
| 0401120 | Żerriegħa tal-fidloqqom                   |                 |
| 0401130 | Żerriegħa tal-camelina sativa             |                 |
| 0401140 | Qannebusa                                 |                 |
| 0401150 | Żerriegħa tar-riġnuwa                     |                 |
| 0401990 | Oħrajn                                    |                 |
| 0402000 | <b>Frott taż-żejt</b>                     |                 |
| 0402010 | Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt         |                 |
| 0402020 | Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt   |                 |
| 0402030 | Il-frott tal-palm taż-żejt                |                 |
| 0402040 | Kapok                                     |                 |
| 0402990 | Oħrajn                                    |                 |

| (1)     | (2)  | (3)             |
|---------|--|-----------------|
| 0500000 | <b>ĊEREALI</b>   | <b>0,01 (*)</b> |
| 0500010 | Xgħir  |                 |
| 0500020 | Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn                    |                 |
| 0500030 | Qamħirrum  |                 |
| 0500040 | Millieġ komuni   |                 |
| 0500050 | Ħafur  |                 |
| 0500060 | Ross   |                 |
| 0500070 | Segala   |                 |
| 0500080 | Sorgu  |                 |
| 0500090 | Qamħ   |                 |
| 0500990 | Oħrajn   |                 |
| 0600000 | <b>TÈ, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB</b> | <b>0,05 (*)</b> |
| 0610000 | <b>Tejjiet</b>   |                 |
| 0620000 | <b>Żrieragħ tal-kafè</b>                               |                 |
| 0630000 | <b>Infużjonijiet erbali minn</b>                       |                 |
| 0631000 | (a) <i>fjuri</i>                                       |                 |
| 0631010 | Kamomilla  |                 |
| 0631020 | Ibisku   |                 |
| 0631030 | Ward   |                 |
| 0631040 | Ġiżimin  |                 |
| 0631050 | Tilju  |                 |
| 0631990 | Oħrajn   |                 |
| 0632000 | (b) <i>weraq u ħxejjex aromatiċi</i>                   |                 |
| 0632010 | Frawla   |                 |
| 0632020 | Rooibos  |                 |
| 0632030 | Tè tal-Paragwaj  |                 |
| 0632990 | Oħrajn   |                 |
| 0633000 | (c) <i>għeruq</i>                                      |                 |
| 0633010 | Valerjana  |                 |
| 0633020 | Ġinseng  |                 |
| 0633990 | Oħrajn   |                 |
| 0639000 | (d) <i>kull parti oħra tal-pjanta</i>                  |                 |
| 0640000 | <b>Żerriegħa tal-Kawkaw</b>                            |                 |
| 0650000 | <b>Ħarrub</b>  |                 |
| 0700000 | <b>HOPS</b>  | <b>0,05 (*)</b> |
| 0800000 | <b>ĦWAWAR</b>  |                 |
| 0810000 | <b>Ħwawar taż-żerriegħa</b>                            | <b>0,05 (*)</b> |
| 0810010 | Ħlewwa   |                 |
| 0810020 | Ħlewwa sewda/kemmun iswed                              |                 |
| 0810030 | Karfus   |                 |
| 0810040 | Kosbor   |                 |
| 0810050 | Kemmun   |                 |
| 0810060 | Xibt   |                 |
| 0810070 | Bużbież  |                 |
| 0810080 | Fienu  |                 |
| 0810090 | Noċemuskata  |                 |
| 0810990 | Oħrajn   |                 |



| (1)     | (2)   | (3)             |
|---------|---|-----------------|
| 0820000 | <b>Ħwawar tal-frott</b>                                       | 0,05 (*)        |
| 0820010 | Bżar tal-Ġamajka/piment                                       |                 |
| 0820020 | Bżar tas-Sichuan  |                 |
| 0820030 | Ħlewwa  |                 |
| 0820040 | Kardamomu   |                 |
| 0820050 | Frott tal-ġnibru  |                 |
| 0820060 | Bżar (iswed, aħdar u abjad)                                   |                 |
| 0820070 | Vanilja   |                 |
| 0820080 | Tamarind (tamar tal-Indja)                                    |                 |
| 0820990 | Oħrajn  |                 |
| 0830000 | <b>Ħwawar tal-qoxra tas-siġar</b>                             | 0,05 (*)        |
| 0830010 | Kannella  |                 |
| 0830990 | Oħrajn  |                 |
| 0840000 | <b>Ħwawar tal-ġheruq u tar-riżomi</b>                         |                 |
| 0840010 | Ġhud is-sus   | 0,05 (*)        |
| 0840020 | Ġiġer   | 0,05 (*)        |
| 0840030 | Żaġħfran tal-Indja  | 0,05 (*)        |
| 0840040 | Għerq tal-mustarda  | (+)             |
| 0840990 | Oħrajn  | 0,05 (*)        |
| 0850000 | <b>Ħwawar tal-blanzuni</b>                                    | 0,05 (*)        |
| 0850010 | Imsiemer tal-qronfol  |                 |
| 0850020 | Kappar  |                 |
| 0850990 | Oħrajn  |                 |
| 0860000 | <b>Ħwawar ta' qalb il-fjura</b>                               | 0,05 (*)        |
| 0860010 | Żaġħfran  |                 |
| 0860990 | Oħrajn  |                 |
| 0870000 | <b>Ħwawar tal-aril</b>  | 0,05 (*)        |
| 0870010 | Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata                            |                 |
| 0870990 | Oħrajn  |                 |
| 0900000 | <b>PJANTI TAZ-ZOKKOR</b>                                      | <b>0,01 (*)</b> |
| 0900010 | Pitravi taz-zokkor  |                 |
| 0900020 | Kannamieli  |                 |
| 0900030 | Għeruq taċ-ċikwejra   |                 |
| 0900990 | Oħrajn  |                 |
| 1000000 | <b>PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI — ANNIMALI TAL-ART</b> |                 |
| 1010000 | <b>Tessut minn</b>  | <b>0,01 (*)</b> |
| 1011000 | (a) <i>ħnieżer</i>  |                 |
| 1011010 | Muskoli   |                 |
| 1011020 | Tessut xaħmi  |                 |
| 1011030 | Fwied   |                 |
| 1011040 | Kliewi  |                 |
| 1011050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)           |                 |
| 1011990 | Oħrajn  |                 |
| 1012000 | (b) <i>bovini</i>   |                 |
| 1012010 | Muskoli   |                 |
| 1012020 | Tessut xaħmi  |                 |
| 1012030 | Fwied   |                 |

| (1)     | (2)   | (3)             |
|---------|---|-----------------|
| 1012040 | Kliewi  |                 |
| 1012050 | Ġewwienu li jittiekol (minbarra l-fwied u l-kliewi) |                 |
| 1012990 | Oħrajn  |                 |
| 1013000 | (c) <i>nagħaġ</i>                                   |                 |
| 1013010 | Muskoli   |                 |
| 1013020 | Tessut xaħmi  |                 |
| 1013030 | Fwied   |                 |
| 1013040 | Kliewi  |                 |
| 1013050 | Ġewwienu li jittiekol (minbarra l-fwied u l-kliewi) |                 |
| 1013990 | Oħrajn  |                 |
| 1014000 | (d) <i>mogħoż</i>                                   |                 |
| 1014010 | Muskoli   |                 |
| 1014020 | Tessut xaħmi  |                 |
| 1014030 | Fwied   |                 |
| 1014040 | Kliewi  |                 |
| 1014050 | Ġewwienu li jittiekol (minbarra l-fwied u l-kliewi) |                 |
| 1014990 | Oħrajn  |                 |
| 1015000 | (e) <i>ekwini</i>                                   |                 |
| 1015010 | Muskolu   |                 |
| 1015020 | Tessut xaħmi  |                 |
| 1015030 | Fwied   |                 |
| 1015040 | Kilwa   |                 |
| 1015050 | Ġewwienu li jittiekol (minbarra l-fwied u l-kliewi) |                 |
| 1015990 | Oħrajn  |                 |
| 1016000 | (f) <i>tjur</i>                                     |                 |
| 1016010 | Muskolu   |                 |
| 1016020 | Tessut xaħmi  |                 |
| 1016030 | Fwied   |                 |
| 1016040 | Kilwa   |                 |
| 1016050 | Ġewwienu li jittiekol (minbarra l-fwied u l-kliewi) |                 |
| 1016990 | Oħrajn  |                 |
| 1017000 | (g) <i>animali terrestri mrobbija oħrajn</i>        |                 |
| 1017010 | Muskoli   |                 |
| 1017020 | Tessut xaħmi  |                 |
| 1017030 | Fwied   |                 |
| 1017040 | Kliewi  |                 |
| 1017050 | Ġewwienu li jittiekol (minbarra l-fwied u l-kliewi) |                 |
| 1017990 | Oħrajn  |                 |
| 1020000 | <b>Ħalib</b>  | <b>0,01 (*)</b> |
| 1020010 | Bhejjem tal-ifrat                                   |                 |
| 1020020 | Nagħaġ  |                 |
| 1020030 | Mogħoż  |                 |
| 1020040 | Żwiemel   |                 |
| 1020990 | Oħrajn  |                 |
| 1030000 | <b>Bajd tat-tjur</b>                                | <b>0,01 (*)</b> |
| 1030010 | Tiġieġ  |                 |
| 1030020 | Papri   |                 |
| 1030030 | Wiżż  |                 |

| (1)                | (2)  | (3)             |
|--------------------|--|-----------------|
| 1030040<br>1030990 | Summien<br>Oħrajn                              |                 |
| 1040000            | <b>Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura</b> | <b>0,05 (*)</b> |
| 1050000            | <b>Anfibji u Rettili</b>                       | <b>0,01 (*)</b> |
| 1060000            | <b>Annimali terrestri invertebrati</b>         | <b>0,01 (*)</b> |
| 1070000            | <b>Annimali vertebrati terrestri slavaġ</b>    | <b>0,01 (*)</b> |

(\*) Jindika limitu iktar baxx ta' kwantifikazzjoni analitika

(\*\*) Kombinazzjoni tal-kodiċi tal-pestiċida li għaliha japplika l-MRL stabbilit fil-Parti B tal-Anness III.

(\*) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

#### Triċiklazol

(+) Il-livell massimu ta' residwi applikabbli għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-grupp tal-ħwawar (il-kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi (il-kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil fil-livelli permezz tal-ipproċessar (it-tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

**0840040 Għerq tal-mustarda"**